MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 1438/2010

Mobisle Communications Limited (C24655).

Vs

Emanuel Savona (ID. 578959M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' seba mija u wiehed u disghin ewro u tmienja u sittin centezmu (€791.68) minghand il-konvenut, in konnessjoni mas-servizz telefoniku cellulari kont numru 472477. U minkejja li gie interpellat sabiex ihallas diversi drabi, l-konvenut baqa inadempjenti, ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' seba mija u wiehed u disghin ewro u tmienja u sittin centezmu (€791.68), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.  L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------